QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA

ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Jannar, 2021

Rikors numru 590/2014AE

Perit Martin Xuereb (K.I. 248654M)

eżerċenti kummerċ bħala

Martin Xuereb & Associates

vs

Peter Sullivan (604460M) u Brigitte Sullivan (138162M)

1. Permezz ta' rikors maħluf ppreżentat fit-2 ta' Lulju 2014, l-attur Perit Martin Xuereb ippremetta u talab is-segwenti:

*'Illi d-ditta tar-rikorrenti Martin Xuereb & Associates ġiet inkarigata illi teżegwixxi xogħol ta' interior design mill-konvenuti konjuġi Sullivan fir-residenza tagħhom li tinsab f' Numru 17, Triq il-Palazz Capua, Sliema.*

*Illi dan l-inkarigu ngħata lid-ditta tar-rikorrenti tramite l-impjegata tagħha Jacqueline Attard li taħdem mar-rikorrenti bħala interior designer.*

*Illi s-servizzi pprestati mid-ditta tal-attriċi kienu jinkludu kemm xogħlijiet li saru ġewwa l-fond in kwistjoni kif ukoll għal xogħlijiet li saru fil-ġnien u l-pool area tal-istess fond.*

*Illi l-valur tax-xogħlijiet miftehem li ġew kompluti għas-sodisfazzjoni tal-intimati jammonta għal sbatax-il elf erba' mija u erbgħa u sittin ewro €17,464 kif jirriżulta minn żewġ invoices, waħda għas-servizzi għax-xogħlijiet li saru fuq ġewwa u l-oħra għax-xogħlijiet li saru fuq barra, liema invoices datati 31 ta' Ottubru 2013 qegħdin jiġu eżebiti u mmarkati bħala Dok MX1 u MX2.*

*Illi l-ammont dovut fiż-żewġ invoices ġie kkalkulat permezz tas-schedule of fees li ngħataw lill-konvenuti bħala quotation tal-fees tad-ditta tar-rikorrenti liema Schedule of Fees qegħdin jiġu eżebiti u mmarkati bħala DOK MX3 MX4 MX5 MX6.*

*Illi meta ntbagħtu l-kontijiet lill-konvenuti dawn bdew isibu ħafna skużi għaliex mgħandhomx iħallsu fosthom illi huma qatt ma qabdu lid-ditta tar-rikorrenti imma lil Jacqueline Xuereb personalment, illi x-xogħol ma sarx sew, illi l-prezz kien għoli wisq għax-xogħol li sar, fost l-oħrajn;*

*Illi l-konvenuti talbu breakdown tal-ammont li ngħata lilhom tramite r-rappreżentanti legali (DOK MX7 DOK MX8)*

*Illi sal-lum ma sar ebda pagament u għalhekk għadu dovut l-ammont kollu ta' sbatax-il elf erba' mija u erbgħa u sittin ewro €17,464*

*Illi mitlubin diversi drabi biex iħallsu anke permezz ta' Ittra Uffiċjali bin-numru 3779/2013 datata 9 ta' Diċembru 2013 (DOK MX9) u minkejja diversi tentattivi sabiex jiġu evitati dawn il-proċeduri il konvenuti baqgħu inadempjenti;*

*Illi r-rikorrenti jaf personalment b' dawn il-fatti kollha*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' sbatax-il elf erba' mija u erbgħa u sittin ewro €17,464 rappreżentanti prezz ta' servizzi ta' interior design kif fuq indikat u*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' sbatax-il elf erba' mija u erbgħa u sittin ewro €17, 464*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 37779/2013 tad-9 ta' Diċembru 2013 u tal-mandat ta' Sekwestru numru 899/2014, kontra l-konvenuti li minn issa jibqgħu inġunti għas-subizzjoni u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data taż-żewġ invoices.*

*B' riżerva għal kull azzjoni ulterjuri fil-liġi spettanti lir-rikorrenti.'*

2. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fit-28 ta' Lulju 2014 l-konvenuti eċċepew is-segwenti:

*'1. Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' relazzjoni ġurdika bejn l-esponenti u r-rikorrent Martin Xuereb.*

*Illi l-intimati nkarigaw lil Jacqueline Xuereb fil-vesti tagħha ta' interior designer għal servizzi ta' interior design in konnessjoni mar-residenza tagħom, 17 Capua Street, Sliema. L-inkarigu ġie mogħti mill-intimati favur Jacqueline Xuereb personalment u direttament u ma kien hemm l-ebda involvement, fl-ebda stadju, tar-rikorrent Martin Xuereb. L-intimati ma kienu fl-ebda stadju nfurmati jew addirittura konsapevoli ta' l-involviment tal-Perit Martin Xuereb u kwalsiasi ftehim u komunikazzjoni saret bejn l-intimati u Jacqueline Xuereb direttament. Għalhekk, ma tissussisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-intimati u r-rikorrent Martin Xuereb.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-servizzi reżi mir-rikorrenti ma kinux skond is-sengħa u l-arti.*

*Illi kif sejjer jiġi ppruvat waqt l-andament tal-kawża, is-servizzi ta' interior designer reżi minn Jacqueline Xuereb <u>ma kinux skond is-sengħa u l-arti</u> u ġew eżerċitati b' nuqqas ta' professjonalità u <u>b'dewmien estensiv</u>. Konsegwenza ta' dan, l-intimati għadhom qed isofru nuqqasijiet fir-residenza tagħhom li huma esklussivament attribwibbli għall-inadempjenza u nuqqasijiet serji fl-eżerċizzju tal-inkarigu da parti ta' Jacqueline Xuereb. L-ilmenti prinċipali tal-konvenuti jikkonsistu, inter alia, f'li ġej:*

*a. Il-pożizzjonar żbaljat tas-sistema tal-airconditioning unit fil-kamra tal-pranzu/salott.*
*b. Il-bieb fil-kamra tal-banju tal-pjan terren, ġie diżenjat ħażin b'mod li dan jinfetah fid-direzzjoni opposta, li jillimita l-aċċess għall-istess kamra. Konsegwenza ta' dan l-esponenti kienu anke kostretti jalteraw is-"sink kaninett" fl-istess kamra.*
*c. Il-mera fil-kamra tal-banju tal-ewwel sular tad-dar tal-esponenti ma kinitx diżenjata skond l-istruzzjonijiet tagħhom u d-dwal speċifikament rikjesti ma ġewx istallati.*
*d. Il-bieb tal-kamra tal-banju fl-ewwel sular ġie ordnat minn Jacqueline Xuereb mingħajr l-approvazzjoni tal-esponenti u minkejja li l-esponenti pprovaw jikkanċellaw l-ordni, dan kien laħaq tlesta. Dan il-bieb huwa nutli.*
*e. Ix-xogħol ta' gypsum u d-dwal fil-kamra tal-pranzu/salott sar mingħajr l-ebda konsiderazzjoni tal-għamara li kellha titqiegħed, bir-riżultat ta' dan mhux iċċentrat u joħloq inkongruwita aestetika li diffiċli tissewwa.*
*f. It-tikħil tal-ħitan ta' barra tad-dar sar mingħajr ebda konsultazzjoni xierqa, tant li kellu jinbidel.*
*g. Id-dewmien estensiv fil-qadi tal-inkarigu mogħti lil Jacqueline Xuereb li wassal għall-prolungament taż-żmien li fih kellu jitlesta l-proġett tal-esponent. Kif ser jirriżulta waqt l-andament tal-kawża, is-servizzi ta' Jacqueline Xuereb kienu kkaratterizzati minn nuqqas regolari ta'*

*disponibilità tagħha u l-assenza tagħħha għal diversi laqgħat li kellha tattendi mas-snajja involuti sabiex ix-xogħol ikun jista' jipproċedi.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, l-ammont pretiż mir-rikorrent huwa eċċessiv u eżaġerat.*

*Illi l-ammont pretiż għas-servizzi ta' interior design huwa manifestament eċċessiv u eżaġerat u ma jirrispekkjax il-valur tas-servizzi reżi. Fl-ebda stadju qabel ma ngħalqet it-tilwima bejn l-esponenti u Jacqueline Xuereb ma ngħatat spjegazzjoni jew rendikont dettaljat minnha li setgħet b' xi mod tiġġustifika l-ammont pretiż.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri'*

3. Permezz ta' sentenza tas-27 ta' Ottubru 2015[1] il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u ordant li jitkompla s-smigħ tal-kawża.

4. Peress li fil-mertu l-vertenza bejn il-partijiet hija sostanzjalment waħda ta' natura teknika, bi qbil bejn il-partijiet il-Qorti ħatret il-perti tekniku l-AIC Michael Pace[2] sabiex jirrelata fir-rigward. Ħatret ukoll lill-avukat Maxilene Pace sabiex tassisti l-perit tekniku fil-qadi tal-ikarigu tiegħu.

5. Il-periti ppreżentaw ir-relazzjoni fit-12 ta' Novembru 2019[3] u sussegwentement saret eskussjoni tal-perit tekniku. Ma ntalbitx il-ħatra ta' periti addizzjonali.

---

[1] Fol. 113 *et seq.*
[2] Fol. 328.
[3] Fol. 365.

6. Il-Qorti semgħet il-provi u qrat l-atti li jinkludu r-relazzjoni tal-periti tekniċi, it-tweġibiet tal-perit tekniku għad-domandi in eskussjoni u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Konsiderazzjonijiet.

7. Il-kawża titratta talba għall-ħlas ta' €17,464 għal xogħol ta' *interior design* li l-attur qal li sar fil-fond numru 17, Triq Palazz Capua, Sliema. Jacqueline Attard, bint l-attur, xehdet[4] li taħdem mad-ditta *Martin Xuereb and Associates* bħala *interior designer.* Spjegat li fil-bidu tas-sena 2010 ċertu Nicholas Vella, li dak iż-żmien kien jaħdem mal-istess ditta, infurmaha li l-ġenituri tat-tfajla tiegħu ta' dak iż-żmien, Samantha Sullivan, riduha tagħmlilhom xogħol ta' *interior design* fil-fond in kwistjoni. Hija għalhekk awtorizzatu jgħaddilhom in-numru tal-*mobile* tagħha. Sussegwentement ċemplitilha l-konvenuta u ffisaw laqgħa preliminari d-dar tal-konvenuti fejn kellhom isiru x-xogħlijiet. Tgħid li x-xogħol kien estensiv u għalhekk infurmat lill-konvenuta li l-proġett ried jinħadem mill-uffiċċju. Ftehmu għalhekk li hija kellha tlesti xi diżinji u *schedule of fees* sal-laqgħa sussegwenti li kellha ssir u fil-fatt saret fil-*boardroom* tad-ditta *Martin Xuereb & Associates* fil-25 ta' Ġunju 2010. Kompliet tgħid li għal din il-laqgħa kienu preżenti l-konvenuti u tathom *schedule of fees* tal-uffiċċju eżebit mar-rikors maħluf u xi pjanti u diżinji oħra.[5] Fl-istess laqgħa hija nfurmathom li kienet tqila u ma kinitx f'pożizzjoni tagħmel xogħol ta' *project*

[4] Fol. 40 – 41.
[5] Dok. JA4 u JA5 a fol. 46 u 47.

*manager.* Issostni li l-konvenut Peter Sullivan kien aċċetta dak li rreferiet għaliha bħala *schedule of fees* li tatu u ftehmu dwar ix-xogħlijiet li pproponiet.

8. Jacqueline Attard xehdet li x-xogħol eżegwit kien is-segwenti:

> *'... l-electrical layout, lighting layout, is-soffitti, l-air conditioning, il-flooring u l-furniture layouts. Għamilna d-diżin dettaljat tal-kċina li nbidel diversi drabi. Għażilna l-materjali u l-finishes kollha u dana kien jinkludi korrispondenza ma' suppliers barranin li l-konvenuti xtaqu jaħdmu magħhom. Dawn kienu xogħlijiet ta' ġewwa. Għal barra għamilna l-landscaping u l-electrical and furniture layout. L-unika ħaġa li m'għamiltx kienu l-pjanti li kienu kompitu tal-Perit.*
>
> *Ngħid illi attendejt għal diversi laqgħat mal-klijenti, suppliers, ħaddiema u mal-Perit Malcolm Sullivan tul il-proġett. Jien għażilt il-materjal li kien jintuża inklużi switches, lighting, parquet, fireplace, flooring ġewwa u barra, l-irħam ta' ġewwa, madum tal-pool u tal-bathrooms, sanitary ware u aċċessorji oħra. Il-bathrooms kienu ddiżinjati minnha fejn biex dan isir kellna mmorru fil-ħwienet tas-suppliers. Il-layouts rilevanti ngħataw lill-ħaddiema minna. Iddiżinjajna l-internal timber doors. Tul il-proġett kien hemm korrispondenza u laqgħat mal-kuntrattur. Fost affarijiet oħra ngħid illi ħadna ħsieb il-vanity units, timber casing of staircase fil-pjan terran biex nikkrejaw storage kif ukoll marble staircase thread detailing u bullnose detail.*
>
> *Kien hemm affarijiet li jien għamilt minn jeddi mingħajr pretensjoni ta' ħlas bħal pariri fuq external plastering, l-alarm u l-aperturi ta' barra.'*[6]

9. Skont l-istess xhud, sussegwentment kollox sar regolarment mill-uffiċċju u ma kienx hemm ilmenti.[7] Il-kont intbagħat biss wara li tlesta x-xogħol u ma kienx hemm kontijiet *interim*.[8] Wara li ntbagħat il-kont, minkejja diversi wegħdiet ta' ħlas, ma sar l-ebda pagament.[9] Tgħid li wara diversi interpellazzjonijiet, il-konvenut bagħat *email* kollha lmenti u baqa' ma ħallasx.

---

[6] Fol. 118.
[7] Fol. 41 u 118 – 119.
[8] Fol. 70.
[9] Fol. 119.

10. L-attur xehed[10] li wara li nterpella lill-konvenuti għall-ħlas permezz tal-avukat tiegħu, huma talbuh *breakdown.* Dan ingħatalhom u jinsab eżebit bħala Dok MX7 u MX8 a fol. 11 – 13 iżda l-konvenuti baqgħu ma għamlu l-ebda pagament u lanqas proposta oħra.

11. Permezz tas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2015 diġa' ġie stabbilit li teżisti relazzjoni bejn id-ditta *Martin Xuereb & Associates* u l-konvenuti. It-talba tal-attur trid issa titqies fil-kuntest tat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuti:

i. jekk is-servizzi li ngħataw mill-attur kinux skont is-sengħa u l-arti; u
ii. jekk l-ammont pretiż mill-attur huwiex eżaġerat.

12. Dwar it-tieni eċċezzjoni, Jacqueline Attard xehdet illi l-konvenuti kienu qalulha kemm-il darba li huma kienu kuntenti bix-xogħol li sar. Tgħid li wara li ntbagħat il-kont kien hemm perjodu twil fejn il-konvenuti m'għamlux kuntatt magħha iżda fl-aħħar kienet saret laqgħa fl-uffiċċju *Martin Xuereb & Associates,* u raw l-*invoice 'item by item'.* Xehdet illi f'dik l-okkażjoni:

> *'s-sur Sullivan naqas illi jilmenta fuq ebda punt. Qatt ma semma problemi, xogħol ħażin jew prezz mhux aċċettabbli. Jien staqsejtu diversi drabi jekk huma kienu kuntenti bix-xogħol u baqa' jtenni li kienu kuntenti. Meta semma' illi kien hemm problema żgħira bic-central light point fuq id-dining table, semmiha bħala xi ħaġa kważi ineżistenti. Meta jien offrejt illi l-uffiċju jirranġa l-problema huwa qal illi kien ser jieħu ħsieb hu'*.[11]

[10] Fol. 42.
[11] Fol. 119.

13. L-istess xhud żiedet tgħid li r-rwol tagħha ma kienx ta' *project manager* iżda ta' *interior design.* Huwa xogħol ta' *project manager* li jikkonferma l-ħinijiet u l-appuntamenti mal-kuntratturi u fil-fatt ma kien hemm l-ebda servizzi simili inklużi fil-kont in kwistjoni. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur jisħaq li x-xogħol li kellu jsir sar hekk kif ikkonfermat mill-konvenut Sullivan stess in kontro-eżami.[12] Jissokta jgħid li fl-ambitu ta' *interior design* m'hemmx tajjeb jew ħażin u l-gosti jvarjaw. Jekk id-*designs* ma jolqtux il-gosti tal-klijent, dan ma jfissirx li dawk id-*designs* ma sarux skont is-sengħa u l-arti.

14. Il-konvenuti da parti tagħhom jikkontendu li diversi xogħlijiet mhux biss ma kinux tal-gosti tagħhom iżda, '*kienu jmorru kontra kull kunċett ta' diżinn professjonali filwaqt li oġġetti oħra kienu jimponu nkonvenjent'.*[13] A fol. 208 il-konvenuti speċifikaw li x-xogħol ikkontestat huwa: (i) fil-livelli tal-art tal-fond mogħtija lill-Perit u lill-bennej; (ii) żball fid-diżinn tal-bieb tal-kamra tal-banju ossia *spare toilet*; (iii) żball fil-kalkolu tal-fittings tad-dawl tal-kamra ta' l-ikel ossija *dining room;* (iv) żball fil-kalkolu tad-diżinn ta' fejn għandu jiġi l-*airconditioning unit;* (v) il-kwalità u tip ta' żebgħa GR2000 għall-ħitan esterni; u (vi) żball fid-diżinn tal-*gypsum* fil-*hallway.* Inoltre, fl-affidavit tiegħu a fol. 214 *et seq*, il-konvenut Peter Sullivan attakka l-maġġior parti tax-xogħlijiet elenkati minn Jacqueline Xuereb f'Dok. JA11 a fol. 112 – 117.

15. Il-Perit tekniku Michael Pace irrelata kif ġej:

---

[12] Fol. 379.
[13] Fol. 471.

*'Having assessed all drawings and documents made available to the undersigned, the latter notes that the billed tasks in dispute are limited to the following two areas of service:*

*1. the level of detail provided by the plaintiff in certain specific working drawings*
*2. the availibility of the plaintiff to follow up on and provide assistance with details on site during works*

*It is to be noted that insufficient detail provided in working drawings during the detailing stage would also augment the requirement for site involvement and decisions during the site stage.*

*The undersigned concludes that there were possible shortcomings to a varying degree in the above two areas of service, which are listed as follows in the Schedule of Billed Services:*

*SCHEDUE OF **INTERIOR** DESIGN FEES – COMPARISON OF PROVIDED SERVICES*

| *ITEM* | *DESCRIPTION* | | *AMOUNT (AS BILLED)* |
|---|---|---|---|
| *7* | *Design development, including all working drawings, electrical layout plan, suspended ceilings, paving layout and details, wall finishes and other details pertaining to this job* | | *4,875.00* |
| *8* | *Site supervision and liasing with contractors (not continuous)* | | *1,950.00* |

*SCHEDUE OF **EXTERIOR** DESIGN FEES – COMPARISON OF PROVIDED SERVICES*

| | | | |
|---|---|---|---|
| *7* | *Design development, including all working drawings, electrical layout plan, paving layout and details, wall finishes and other details pertaining to this job* | | *907.50* |
| *8* | *Site supervision and liasing with contractors (not continuous)* | | *363.00* |

*Whilst each of the above services <u>have indeed been provided to some degree</u>, the undersigned suggests an arbitrary precentage reduction in the amounts billed since a precise calculation of the reduction would be impossibile to quantify.'*

16. In eskussjoni l-perit tekniku tenna l-istess opinjoni u saħaq li '*the shortcomings on the part of the designer are limited to the detailing and site*

*phases of the project, which correspond to items 7 & 8 in each schedule, and not to other items in the fee schedule'.*[14]

17. Il-Qorti rat l-atti, inkluż in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet u ma tara l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex taqbel mal-fehma tal-perit tekniku. Il-konvenuti ma ressqux argumenti li jikkonvinċu lill-Qorti li għandha tiskarta l-opinjoni tal-perit tekniku. Wara kollox il-fehma tal-perit tekniku hi dwar materja ta' natura teknika, u dik hi l-uniku prova ċara u indipendenti li hemm fl-atti dwar nuqqasijiet li hemm fix-xogħol li sar. Il-perit tekniku kien ferm ċar fir-rapport u wkoll in eskussjoni.

18. Għalkemm fit-tieni eċċezzjoni issemma wkoll li kien hemm dewmien estensiv, il-Qorti mhijiex tal-fehma li tressqu xi provi konvinċenti dwar dan u f'kull każ ġialadarba ngħata s-servizz, ħlas għandu jsir. Għalkemm fl-affidavit il-konvenut għamel riferenza għal emails li skkont hu *".... juru tardivita' kontinwa da parti ta' Jackie"*, il-Qorti mhijiex tal-fehma li l-*emails* juru xi *'dewmien estensiv'* li fixkel l-andament tal-proġett li seta' ta lok għal xi preġudizzju lill-konvenuti.

19. Irid issa jiġi determinat jekk f'dan il-kuntest l-ammont pretiż mill-attur huwiex eżaġerat.

---

[14] Fol. 458.

20. In kontro-eżami[15] l-attur xehed illi, '*L-interior design m'huwiex kopert mix-xogħol ta' tariffa'.* Sussegwentement spjega li f'każ ta' *refurbishment* ta' dar il-*fees* jinħadmu fuq persentaġġi skont skeda minnhom imħejjija.[16]

21. Jacqueline Attard qalet:

> *'Bħala regola aħna nibdew billi nistabilixxu l-ammont tal-proġett. Il-persuna nkarigata mill-proġett relattiv ma' dan jitlesta, f'dan il-każ, jiena, niġbor l-items kollha li tkun ħadet ħsieb id-ditta ... Wara li ssir din il-lista jinġabru l-kopji kollha tal-invoices meta dan ikun possibbli ...*
>
> *Wara li jiena ħdimt l-ammont totali tal-proġett jien għaddejt l-informazzjoni lil ħija Malcolm Xuereb li kompla bil-proċedura tal-ħruġ tal-kont. Meta niġu biex naħdmu l-kont finali aħna dejjem nirreferu għas-schedule of fees oriġinali biex naċċertaw illi l-persentaġġ illi napplikaw huwa dak miftiehem mal-klijenti. Qabel ma jintbagħat invoice lill-klijenti dawn dejjem jiġu approvati mill-attur. Niftakar li l-attur kien ra l-invoices qabel ma ntbgħatu lil-klijent u kien saħansitra raħħas l-invoice fl-external works.'*[17]

22. Il-Perit Martin Xuereb, li hu iben l-attur u mpjegat mal-istess ditta fejn *inter alia* jieħu ħsieb xogħol amministrattiv, ikkonferma li l-*ischedule of fees* jinħadem fuq il-valur tal-proġett. Qal li jiġi applikat persentaġġ fuq l-ammont tal-proġett kollu bl-eċċezzjoni ta' *measured works, 3d models* u *surveying.*[18]

23. Madanakollu, l-konvenuti jsostnu li ma kien hemm l-ebda ftehim ċert, definit jew maqbul *a priori* dwar l-ispiża u l-metodoloġija ta' komputazzjoni għall-prezz tas-servizz iżda kienet ġiet ippreżentata lilhom stima wara li kienu bdew ix-xogħlijiet, liema stima qatt ma ġiet aċċettata jew iffirmata minnhom. Igħidu li

---

[15] Fol. 60 *et seq*.
[16] Fol. 204.
[17] Fol. 119.
[18] Fol. 202.

madanakollu waqt li qed isiru x-xogħlijiet, *suppliers* tal-materjal infurmawhom li Jacqueline Xuereb kienet talbithom l-invoices u għalhekk issuspettaw li kienet ser toħroġ kont ibbażat fuq il-materjal minnhom użat iżda ma kellmuhiex u baqgħu jistennew li toħroġ il-kont sabiex jiddiskutuh magħha.[19] Il-konvenuti jgħidu li huma qatt ma ppretendew li x-xogħlijiet eżegwiti a benefiċċju tagħhom m'għandhomx jitħallsu, iżda jikkontendu li, '*dan jista' jsir biss meta jiġi stipulat valur ġust għas-servizzi effettivament reżi u wara li jiġu kkunsidrati ukoll inkonvenjenti, uħud irriparabbli, illi ġew ikkawżati lill-intimati minħabba nuqqas ta' professjonalità'.* Għal dan il-għan '*iħallu l-komputazzjoni għas-savju ġudizzju ta' dinla l-Onorabbli Qorti sabiex tistabilixxi somma li hija ġusta u xierqa'*.[20]

24. Il-Qorti ma tistax temmen li l-konvenuti ngaġġaw is-servizzi tad-ditta rappreżentata mill-attur fl-għama mingħajr ma ntlaħaq ftehim dwar il-ħlas li jkun dovuta għas-servizz li talbu ta' *interior design*. Mhemmx dubju, peress li dan ġie eventwalment ikkonfemat mill-konvenut stess,[21] li fil-laqgħa li kellhom ma' Jacqueline Attard fl-uffiċċju tad-ditta *Martin Xuereb & Associates* fil-25 ta' Ġunju 2010 il-konvenuti ingħataw *quotation* skont '*Dok MX5*' a fo. 9 u 10. Dokument datat 20 ta' Ġunju 2010 u ċertament sar sabiex jingħata lill-konvenuti. Għalkemm il-persentaġġi applikabbli mhumiex indikati f'Dok. MX5, huwa ċar mill-kliem '*assumed project cost (subject to final cost)'*, li l-metodoloġija tal-

[19] Fol. 471.
[20] Fol. 476 (nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti).
[21] Fol. 384.

*billing* kienet ibbażata fuq il-valur tal-proġett. Fil-fatt fid-dokument hemm stampat is-somma ta' €106,600 bħala *'Assumed Project Cost'*. Ladarba l-konvenuti dan kienu jafuh u xorta għażlu li jinqdew bis-servizz tad-ditta Martin Xuereb & Associates, isegwi li huma aċċettaw l-*quotation* u l-metodoloġija ta' *billing* li tissemma.

25. F'kull każ, ukoll kieku din il-Qorti kellha taċċetta t-teżi tal-konvenuti, fis-sens li ma kien hemm l-ebda ftehim dwar il-ħlas, il-perit tekniku Michael Pace irrelata li '*assuming ... that the service provided by the plaintiff was complete and in accordance with good practice ...* *<u>the amounts billed for exterior and interior design are both well within acceptable limits in relation to the cost of the project</u>.'*[22] Għalhekk, f'każ li din il-Qorti kellha tapplika l-artikolu 1624 tal-Kodiċi Ċivili,[23] il-kont maħruġ mill-attur, xorta jista' jintuża bħala punt ta' tluq sabiex din il-Qorti tiddetermina s-somma dovuta lill-attur fid-dawl tal-mankanzi ravviżati mill-perit tekniku.

26. L-istess perit tekniku spjega illi l-attur ħareġ *fee proposal* lill-konvenuti fl-20 ta' Ġunju 2010[24] abbażi ta' '*Assumed Project Cost (subject to final cost) of €106,600 and €55,000 for interior and exterior works respectively'* filwaqt li fil-31 ta' Ottubru 2013 l-attur ħareġ talba finali għal ħlas tas-servizzi provduti[25] *'but*

[22] Il-perit tekniku kompla jisħaq dan il-punt fit-tweġiba tiegħu għad-domanda in eskussjoni numru 6 a fol. 455.
[23] 1624. Jekk il-ħlas mhux stabbilit fil-ftehim, jew b'liġi jew b'użu, jiġi meqjus mill-qorti bi stima ta' periti, jew ukoll mingħajr din l-istima, skont iċ-ċirkostanzi.
[24] Fol. 9 u 10.
[25] Fol. 7 u 8.

*this time corrected the project costs to €195,000 and €36,300 for interior and exterior design services respectively.'* In vista tan-nuqqasijiet li sab, l-istess perit ta l-opinjoni li jitnaqqas 33% tal-ammont mitlub għax-xogħol li jissemma f' partita 7 u 8 tal-*interior* u *exterior design fees*. Tnaqqis li jammonta għal €2,671.52 qabel ma tiġi kkalkulata t-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud.[26]

27. Għall-finijiet ta' din l-eċċezzjoni l-attur iddikjara li joqgħod għall-konklużjonijiet tal-perit tekniku. Min-naħa l-oħra il-konvenuti kkonċedew li l-attur irid jitħallas tax-xogħol li sar u li minnu bbenefikaw wara li jiġu kkunsidrati ukoll l-inkonvenjenti li ġew ikkawżati lilhom. Għall-finijiet ta' komputazzjoni l-konvenuti ħallew f'idejn il-Qorti biex tistabbilixxi figura li tkun ġusta u xierqa.

28. Għal darb'oħra, din il-Qorti ma tarax li hemm xi raġuni għalfejn għandha tiskarta l-konklużjonijiet tal-perit tekniku u għalhekk ser taddotta l-fehma tiegħu u tnaqqas is-somma ta' €2671.52 (mhux inkluż VAT) mis-somma komplessiva tat-*total fees* skont l-ittri a fol. 5 u 6 li bihom l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenuti.[27] Ifisser dan li s-somma dovuta mill-konvenuti lill-attur hija ta' erbatax-il elf tlett mija u ħdax-il Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€14,311.61) rappreżentanti tnax-il elf mija u tmienja u għoxrin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€12,128.48) *fees* u elfejn mija u tlieta u tmenin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€2,183.13) Taxxa Fuq il-Valur Miżjud.

---

[26] Fol. 398.
[27] €12,300 u €2,500 rispettivament.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' parzjalment it-tieni u tielet eċċezzjoni tal-konvenuti sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u dan biss fir-rigward tal-istess xogħlijiet li jissemmew hawn fuq. Konsegwentement tilqa' l-ewwel talba tal-attur limitatament għas-somma ta' erbatax-il elf tlett mija u ħdax-il Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€14,311.61) għal servizzi ta' *interior design* li ngħata lill-konvenuti, u konsegwentement tikkundannahom iħallsu lill-attur s-somma ta' erbatax-il elf tlett mija u ħdax-il Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€14,311.61). Tiċħad it-talba tal-attur in kwantu tirreferi għad-differenza tal-ammont mitlub minnu fl-ewwel talba.

Bl-imgħax fuq is-somma ta' €12,128.48 (mhux fuq il-VAT) jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Diċembru 2013 ġialadarba l-konvenuti baqgħu jżommu flus li suppost tħallsu lill-attur.

L-ispejjeż tal-kawża, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 3779/2013 tad-9 ta' Diċembru 2013 u tal-mandat ta' sekwestru numru 899/2014, għandhom jinqasmu $^{4}/_{5}$ a karigu tal-konvenuti u $^{1}/_{5}$ a karigu tal-attur.

Anthony Ellul

Imħallef